# 1. Il-Għanja tas-Sittin (*)

Jien il-lejla ġejt ingħanni,
ngħanni l-għanja tas-sittin;
intom f'wiċċkom tifirħuli;
u f'qalbkom tgħidu "miskin!"

Kulħadd jgħidli "Alla jbierek!
qisek għadek xi żagħżugħ!"
'Mma m'intomx qed tidħku bija:
jiena nagħraf sew l-uċuh.

"Kemm hu sbejjaħ!", ommi qalet,
malli ratni u ferħet sħiħ;
ma nafx l-għala, għaliex f'għomri
ħadd ma qal li jien sabiħ.

Ħaġa waħda naf li qalu:
li qalbi mimlija ħrara,
illi nħobb il-proxxmu tiegħi,
u li 'l ħadd qatt m'għamilt ħsara.

Jiena xjaħt, 'mma m'iniex nannu
qed nistenna din l-aħbar;
ibni u binti biex jagħmluni
qegħdin jagħmlu mill-aħjar. (**)

Jien twelidt sittin sen' ilu,
jum it-Tnejn tal-Karnival;
fil-ħanut taħt id-dar t'ommi
l-għana kien jgħanni raħħal.

Mill-ħanut taħt id-dar t'ommi
il-għanja ħelwa maltija
telgħet daħlet ġewwa qalbi
biex għal dejjem tibqa' fija.

U mal-għanja f'qalbi daħlet
il-bluha ta' dak inhar;
li ma kontx il-veru ibleh
flok ministru sirt ċakkar.

Jien il-lejla ġejt ingħanni,
ngħanni l-għanja tas-sittin;
ilkoll lilkom il-ħajr nagħti
l'għamiltuli dal-festin.

Inrodd ħajr jien lilkom kollha
tal-imħabba u l-attenzjoni,
iżda jekk veru tħobbuni
ibagħtuni bil-pensjoni!

*(*) Dawn l-għanjiet jien qabbilthom għall-ikla li għamluli l-ħbieb tiegħi fil-Golden Sands Hotel, Għajn Tuffieħa, is-Sibt, 19 ta' Frar 1972, il-jum li għalaqt is-sittin.*

*(**) Fl-aħħar sirt nannu. Marika, imsemmija għal marti mejta, twieldet minn ibni John fid-29 t'Awwissu 1973, u Antonella, imsemmija għalija, twieldet minn binti Rose Marie fit-18 ta' Novembru tal-istess sena.*